MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 79/1997/3

Rikors Numru: 79/97G

Joseph u Josephine konjugi Cassar
vs
Onorevoli Ministru tat-Turizmu, Direttur ta' l-Izvilupp u Progetti fis-Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1998 gie korrett ghad-Direttur ta' l-Izvilupp u Progetti fil-Ministeru ghal Ghawdex u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom is-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex fl-Ufficcju tal-istess Prim Ministru li b'digriet tat-18 ta' Novembru 1998 gie korrett ghall-Ministeru ghal Ghawdex u l-istess Prim Ministru u b'digriet tat-2 ta' Ottubru 1998 gie kjamat fil-kawza c-Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

Illum 15 ta' Marzu, 2004.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod iktar preciz fil-25 ta’ Settembru 1990 ir-rikorrenti sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent Joseph Cassar ma giex maghzul bhala Works Technical Officer minkejja l-esperjenza ta’ sbatax-il sena fil-beach cleaning.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:

Illi hu beda jahdem mal-Gvern fl-14 ta’ Lulju 1980 bhala “General Hand” grad ta’ Labourer u kien jaghmilha ta’ Supervisor - Dok “A”.

Illi fl-1 ta’ Jannar 1982 hu lahaq Supervisor li kien grad “D” u dan wara li kien hemm sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga mid-Dipartiment tat-Turizmu.

Illi matul dan il-perijodu hu kien inkarigat mill-organizazzjoni tal-beach cleaning f’Ghawdex u Kemmuna, u x-xoghol tieghu kien jinvolvi tqassim ta’ nies tal-cleaning fid-diversi xtut ta’ Ghawdex u Kemmuna.  Kien huwa li fil-fatt organizza tajjeb l-beach cleaning t’Ghawdex u Kemmuna kif wara kollox jirrizulta mill-anness certifikat mahrug lilu mis-Sur Joseph Dalli, Ufficcjal Anzjan fid-Dipartiment tat-Turizmu li kellu wkoll lil Ghawdex u Kemmuna taht idejh (Dok B).

Illi fl-10 ta’ April 1990 ir-rikorrenti applika ghall-post ta’ “Works Technical Officer fil-Ministeru tat-Turizmu kif imsejjah bic-cirkulari OPM No. 44/90 - Dok C.

Illi meta hareg ir-rizultat fil-25 ta’ Settembru 1990 kellu s-sorpriza xejn sabiha li ra ruhu mhux maghzul ghalkemm kien ilu madwar sbatax-il sena jorganizza u jmexxi b’tifhir tas-superjuri tieghu l-beach cleaning f’Ghawdex.

Illi r-rikorrent irrileva li l-maghzul ghaddih b’zewg punti haga li hi stramba ferm meta tqis li hu qatt ma kellu x’jaqsam max-xoghol ta’ beach cleaning u gie minn Dipartiment iehor totalment differenti.

Illi r-rikorrent kellu ragun jahseb li l-ghazla saret mhux fuq il-mertu imma minhabba l-kulur politiku u ghalhekk f'dan is-sensi r-rikorrenti sofrew ingustizzja lampanti, liema ingustizzja irrizultat anke f'telf finanzjarju kbir ghalih u ghall-membri tal-familja tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li irriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni tar-rikors talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi; kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust u ghal dan l-iskop r-rikorrenti talbu li r-rikorrenti Joseph Cassar jigi moghti r-rank ta' Works Technical Officer fil-Beach Cleaning Section tas-Segretarjat ghal Ghawdex u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi. Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Risposta tal-Prim Ministru, l-Ministru tat-Turizmu, s-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex u d-Direttur tal-Izviluppi u Progetti fis-Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex li eccepew:

Illi l-intimati m'humiex il-legittimi kontraditturi ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.
Illi l-ilment jikkoncerna l-access ghal impieg pubbliku li kien miftuh ghall-impjegati tal-Gvern bi grad ta' mhux inqas minn Group D.

Is-sejha ghall-applikazjonijiet inharrget u l-applikazzjonijet gew ezaminati minn Bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ir-rikorrent ghalhekk irid juri, fit-termini ta' l-Artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 li huwa ezawrixxa kull mezz

possibbli ghall-ksib ta' rimedju, fosthom, b'mod partikolari ir-rimedju previst bil-paragrafu 1.1.7 ta' l-Estacode kontra decizjonijet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi l-Bord ta' Ghazla tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kien ezamina 25 applikazzjoni ghal dan il-post u r-rikorrent kien gie t-tieni wiehed.

Ghall-post kien hemm vakanza wahda li mtliet skond l-ordni ta' klassifika tal-Bord.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimati.

Risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepixxa:

1. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijet taghha u dan skond l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Joseph Cassar, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatra ta' Works Technical Officer wara sejha ghall-applikazzjonijiet li saret fl-10 ta' April 1990. Il-Kummissjoni qed tirreleva dan ghall-fini ta' l-artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3 Illi, minghajr pregudizzju nghad li:

3.1 is-sejha li saret ghall-applikazzjonijet ghall-mili ta' post ta' *Works Technical Officer* fil-Ministeru tat-Turizmu (Ghawdex) (Cirkulari tal-l-OPM Nru 44/90), kienet ghall-mili ta' post wiehed;

3.2 ghal din is-sejha kien hemm hamsa u ghoxrin (25) applikant;

3.3 l-ghazla saret fuq kriterji approvati mill-Kummissjoni u r-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla gie approvat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Ottubru 1990.

3.4 billi kien hemm post wiehed biss vakant il-Kummissjoni rrakkomandat fit-23 ta' Ottubru, 1990 li dan jimtela minn dak li gie l-ewwel skond l-ordni tal-mertu.

3.5 l-allegazzjonijet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-kontenut tar-rikors u qal li wara l-intervista hu kien gie klassifikat fit-tieni post u kien gie klassifikat l-ewwel John Gatt li skond hu qatt ma kien hadem fit-Turizmu. Semma li dan Gatt qabel ha l-promozzjoni ghal Works Technical Officer fil-Ministeru tat-Turizmu, kien jahdem mal-Agrikoltura bhala Supervisor. Qal li hu fi zmien l-intervista kien ilu 14-il sena jahdem fil-qasam tat-Turizmu u kellu grad ta' Assistant Technical Officer. Qal li hu ghadu Assistant Technical Officer sal-lum u ghalkemm applika tlett darbiet biex isir Technical Officer qatt ma sar. Qal li hu kellu responsabbilita` ta' 80 ruh u dan in konnessjoni mal-beach cleaning go Ghawdex. Kompla jghid li l-intervista kienet damet biss xi hames minuti u semma li fil-Bord tal-Ghazla kien hemm wiehed Ghawdxi li jigi senior ta' hu John Gatt.

Xehed Dr. Anton Refalo li qal xi zmien ilu hu kien Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex u hadem mill-qrib mar-rikorrent Joe Cassar. Semma li fis-sezzjoni ta' Cassar kien hemm jahdem ukoll certu John Gatt. Spjega li r-rikorrent kien mar ikellmu u qallu bil-problema li kellu u

qallu li kien sofra ingustizzja fejn qal li kien jaf ukoll li x-xoghol kollu tal-beach cleaning f'Ghawdex kien f'idejn ir-rikorrent. Zied ighid li f'okkazzjoni wahda kienet inqalghet problema kbira fuq it-tindif tal-bajja ta' Kemmuna u kien hemm kull koperazzjoni u d-Dipartiment kien f'idejh.

Xehed Joseph Portelli Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex li pprezenta dokument a fol 43 li turi d-differenza fis-salarju ta' John Gatt li kien Works Technical Officer u dak tar-rikorrent li kien Assistant Technical Officer. Semma li l-hatra dak iz-zmien kienet saret mis-Segretarju Parlamentari Dr Michael Refalo. Qal li hu sar Direttur tal-Progetti u Zvillupp fl-1996 u mill-ewwel ha tahtu s-sezzjoni tal-beach cleaning. Ikkonferma li John Gatt kien Kap ta' din is-sezzjoni tal-beach cleaning u fl-istess ufficju mieghu, kien hemm it-tifel tieghu. Ikkonferma wkoll li kien hemm il-hsieb li t-taqsima tal-beach cleaning u t-taqsima tal-indafa jigu inkorparati flimkien f'sezzjoni wahda b'kap wiehed. Qal li qatt ma rcieva xi lmenti dwar kif kienet qed titmexxa s-sezzjoni tal-beach cleaning. Zied li meta John Gatt ma kienx imur ghax-xoghol kien jinqeda bir-rikorrent. Zied ighid li meta kien jaghti xi struzzjonijiet lil Cassar hu dejjem kien josservahom u ftakar li darba kien hemm xi problema fuq Kemmuna u meta sejhu lir-rikorrent dwar din il-problema kienet solviet ruhha bl-ghajnuna tieghu.

Xehed Joseph Dalli li kien Higher Executive Officer fil-Ministeru tat-Turizmu. Qal li meta rtira kien Assistent Kap. Semma li minbarra x-xoghol amministrattiv hu kellu wkoll taht idejh ix-xoghol tat-tindif tax-xtut. Spjega li kienet inhasset il-htiega li Ghawdex ikollhom Works Technical Officer ghax min kien jiehu hsieb din it-taqsima gewwa Ghawdex ma kellux dak il-grad. Qal li r-rikorrent kien qed jaghmel ix-xoghol ta' Works Technical Officer izda ma kellux dan il-grad u kien responsabbli mit-tindif tax-xtut f'Ghawdex; dan kien kollu f'idejh. Qal ukoll li ma kellu l-ebda nkwiet fir-rigward ta' xoghol ir-rikorrent. Zied ighid li kienet harget l-applikazzjoni ghall-promozzjoni ta' Works Technical Officer bl-approvazzjoni tal-Ministru u wara ntghazel il-Bord tal-Ghazla, li c-Chairman tieghu kien Dominic Chircop u kien hemm zewg membri ohra, wiehed

rapprezentant tas-sezzjoni tal-beach cleaners ta’ Malta u rapprezentant tal-Establishments. Qal li jaf li r-rikorrent kien applika ghal dan il-post. Semma wkoll li hu kien informa lill-Ministru u lis-Segretarju tieghu u lic-Chairman tal-Bord li hu xtaq li tinghata importanza lill-esperjenza. Qal li min kien intaghazel kien gie mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u zgur ma kellux esperjenza f’dak li hu xoghol ta’ tindif ta’ xtut. Spjega wkoll li meta kien intaghzel is-Sur Gatt ghal Works Technical Officer kien mar ikellem lill-Ministru Refalo u kien infurmah li deherlu li l-ghazla ma kenitx wahda gusta. Qal li l-Ministru kien kellem lil wiehed mill-Bord, lis-Sur Barbara li kien qal li Gatt kien wiegeb id-domandi kollha li sarulu waqt l-intervista u dan kien ikkonfermah is-Sur Barbara stess.

In kontro ezami qal li Cassar kien jahdem direttament mieghu u ghalkemm ma kienx jarah kuljum, kien jikkomunika mieghu bit-telefon kuljum. Qal li Cassar kellu x’jaqsam biss mat-tindif ta’ xtut, u li kien qisu Works Technical Officer ghax hu kien jaghmel xoghol ta’ Works Technical Officer. Qal ukoll li Kemmuna kien hemm grupp ta’ nies li ma kontx toqghod hafna fuqhom u ghalhekk bi ftehim stess mas-Sur Cassar inkitbet ittra datata 5 ta’ Awissu 1985, fejn issemma anke li Cassar jista’ jiehu charge jekk dawn il-haddiema ma kinux ser igibu ruhhom b’iktar reponsabbilita`. Qal li dan kien sar bi ftehim mar-rikorrent u hu anki kien mar ikellimhom biex jaghtihom tbezbiza anki peress li s-Sur Cassar kien responsabbli tan-nies. Semma wkoll li biex wiehed jitharreg sew fil-beach section u jkun jista’ jmexxi s-sezzjoni jrid ighaddi zmien mhux hazin u qal li r-rikorrent kien ghamel apprentistat tajjeb, tghallem a esperjenza tieghu u kien ilu z-zmien kollu jitghallem. Zied ighid li meta hargu l-promozzjonijiet l-intenzjoni tieghu kienet li l-kariga tisthoqq lis-Sur Cassar, peress li kien jaf li Cassar kien qed jaghmel dak ix-xoghol u mhux imhallas ghalih, u li seta’ jghid biss li l-esperjenza li kellu s-Sur Cassar ma kellux haddiehor. Qal ukoll li meta ha l-promozzjoni John Gatt, hu kien jiehu d-direttivi minghand Lorry Darmanin is-Segretarju tal-Ministru u dan peress li kien jaf li hu ma tantx kellu pjacir b’kif saru l-affarijiet u ghalhekk ma tantx kien jirrelata mieghu.

Xehed <u>Lino Borg</u> Direttur tat-Turizmu li qal li l-files personali kemm tar-rikorrent kif ukoll ta' John Gatt ma jinsabux fil-Ministeru tat-Turizmu izda jinsabu fil-Ministeru ghal Ghawdex. Hu pprezenta r-rizultat ta' l-intervisti li saru ghall-post ta' Works Technical Officer skond ic-cirkulari tal-1990 a fol 74, fejn jidhru l-breakdown tal-marki. Ipprezenta wkoll kopja tar-rapport li sar mill-bord tal-ghazla a fol 76. Ipprezenta a fol 80 l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghall-kompozizzjoni tal-bord tal-ghazla fejn jidhru s-seba' kriterji, experience in the trade, previous performance, additional qualifications, personality u suitability. Ipprezenta wkoll rapport iffirmat mill-erba' membri tal-bord a fol 81. Fir-rigward ta' Dominic Chircop qal li dan m'ghadux jahdem fil-Ministeru tat-Turizmu u fir-rigward ta' Pawlu Barbara qal li ghadu jahdem fid-Dipartiment tat-Turizmu fis-sezzjoni tal-beachcleaning f'Tigne u fir-rigward ta' Charles Spiteri li wkoll kien fil-bord, qal li llum dan irtirat.

Minn fol 74 jirrizulta li John Gatt gab 68 marki u gie l-ewwel waqt li Joseph Cassar gab 66 marki u gie t-tieni. Dwar personality t-tnejn inghataw 9 kif ukoll dwar suitability. It-tnejn ma kellhomx kwalifiki. Dwar previous performance Gatt inghata 20 waqt li Cassar inghata 28. Experience in the Trade it-tnejn inghataw 30. Jinghad li ovvjament il-marka mnizzla a fol 75 bil-fors li hija zbaljata u dan peress li t-total a fol 74 huwa indikat bhala 66 waqt li jekk tghodd il-marki a fol 75 dawn jammontaw ghal 76. Ukoll skond ma jirrizulta minn fol 78 il-marka tar-rikorrent hija 66. Jinghad ukoll li kif jirrizulta minn fol 78 u 80 ta Previous Performance il-massimu huwa 25 u ghalhekk certament li l-marka mnizzla a fol 75 hija wahda zbaljata u 28 irid jaqra 18. Dan huwa konfermat mid-Dokument a fol 81.

Xehed <u>Josephine Cassar</u> mart ir-rikorrent li qalet li meta zewgha kien applika ghall-post ta' Works Technical Officer kienu ilhom hafna jistennew li jiehu l-promozzjoni ghax kien ilu f'dak ix-xoghol izda l-promozzjoni hadha haddiehor. Qalet li din l-ingustizzja li sofra zewgha

effettwatu mentalment anki peress li min intaghzel mar fl-istess ufficju mar-ragel taghha u gie hu 'in charge'.

Xehed George Borg li kien 'in charge' mill-ufficju tat-Turizmu f'Ghawdex li qal hu kien prezenti waqt l-intervisti ghal Works Technical Officer. Zied ighid li meta baghtulu r-rapport, iccekkja r-rapport u ffirmah, u hadd ma qallu li kien hemm zball. Qal li meta ffirma hu l-membri l-ohra diga kienu ffirmaw. Kompla jghid li mbaghad kien ghajjatlu Dominic Chircop, peress li kien hemm zball ta' 'misprint' u rega' ffirma.

Xehed Paul Barbara li kien membru tal-interviewing board li qal dak iz-zmien ta' l-intervista kien Technical Officer I. Fir-rigward ta' Joseph Cassar u John Gatt qal li t-tnejn irrispondew tajjeb u semma li l-bord ghaddew il-marki u ddividew b'erbgha, b'kemm kien membri fil-bord. Semma wkoll li John Gatt kien fl-Agrikoltura filwaqt li Cassar kien fit-Turizmu u qal li allura hemm differenza bejn iz-zewg persuni. Qal ukoll li ghall-habta tal-1998 kienu qalu li hadu zball fit-typing fir-rapport fejn suppost ir-rikorrent gab 18-il marka ghall-'previous performance' mhux 28, u kellu jerga' jiffirma xi karta dwar dan u qal li ggudikaw fuq li sar dak il-hin waqt l-intervista.

Xehed Dominic Chircop li kien ic-Chairman tal-interviewing board li qal qabel l-intervista l-bord kien iltaqa u stabbilew numru ta' mistoqsijiet, u kien hemm il-marki allokati ghad-diversi kriterji. Pero qal ukoll li wara li sar ir-rapport kien hemm zball tat-typing fejn suppost l-oghla marka kienet 25 filwaqt li kien hemm kandidat li gab 28 u haseb li ried ikun 18. Zied ighid li sa fejn jaf hu kemm John Gatt u kemm is-Sur Cassar ma kellhomx kwalifiki bhala certifikati. Semma li qabel l-intervisti hu bhala Chairman kien haseb li Joe Cassar kien l-ahjar wiehed izda meta hadmu l-marki skond il-kriterji ma kienx gie hu l-ewwel u ma setax ibiddel xejn. Qal ukoll li Joe Dalli ma nfluwenzhom bl-ebda mod u ma dahal f'xejn u qal li l-iktar li setghu jifhmu fl-esperjenza tal-kandidati kienu hu u Paul Barbara peress li dan kien ilu f'dak ix-xoghol ukoll.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-ilment tar-rikorrent hu dwar il-fatt li fl-1990 ir-rikorrent applika ghall-post ta’ Works Technical Officer fil-Ministeru tat-Turizmu in segwitu tac-cirkolari OPM 44/90 u meta hareg ir-rizultat fil-25 ta’ Settembru 1990 sar jaf li ma giex maghzul hu izda persuna ohra b’ anqas esperjenza minnu ghax-xoghol intiz.

A] ***Il-Prim Ministru, Ministru tat-Turizmu, Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex u d-Direttur tal-Izviluppi u Progetti fis-Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex eccepew li m’ humiex il-legittimi kontradditturi.*** L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’ idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Prim Ministru u Ministru tat-Turizmu u Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex kellhom ikunu fil-kawza. Ghalhekk ma humiex il-legittimi kontradditturi. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta’ Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Prim Ministru, Ministru tat-Turizmu u Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex.

B] Gie kjamat fil-kawza c-Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepixxa li ***t-Tribunal fil-konfront tal-Kummissjoni m’ghandux gurisdizzjoni*** ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta’ dak kollu li ghamlet jew taghmel il-kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha

fis-7 ta’ Mejju 1998 u ghall-istess motivi jichad l-eccezzjoni sollevata.

C] Il-bqija tal-eccezzjonijiet jirrigwardaw il-***mertu***. Jinghad li fil-kors tal-proceduri saru hafna depozizzjonijiet u kummenti dwar il-fatt li skond l-iskeda originali r-rikorrent kellu ghaxar marki ohra minhabba li fil-kolonna previous performance tnizzel 28. Apparti l-kummenti li t-Tribunal gja ghadda fuq dan l-aspett u d-diversi depozizzjonijiet moghtija t-Tribunal ihoss li dan certament kien zball dattilografu ghax ma seta’ qatt ir-rikorrent jinghata 28 out of 25.

Izda t-Tribunal studja l-marki allokati lil dak li gie l-ewwel u cioe` John Gatt li spicca b’ total ta’ 68 u dawk tar-rikorrent li spicca b’ total ta’ 66 u taht il-kap ta’ Personalita` t-tnejn inghataw 9 marki minn 10 u l-istess dwar suitability waqt li t-tejn ma nghataw ebda marki ghal additional qualifications. It-Tribunal mhux sejjer jikkummenta anqas dwar il-kolonna previous performance fejn John Gatt inghata 20 minn 25 u r-rikorrent 18 minn 25 ghalkemm id-diversi xhieda fil-kawza semmew performance mill-aktar tajba tar-rikorrent u ghalhekk it-Tribunal bilfors li jhossu xettiku dwar l-allokazzjoni ta’ din il-marka izda ma jhossx li ghandu jasal ghall-konkluzjoni dwar il-mertu tal-kaz a bazi ta’ dan l-aspett izda zgur li jsib ferm oggezzjonabbli u zbaljata l-allokazzjoni ta’ 30 minn 40 marka kemm lil Gatt kif ukoll lir-rikorrent dwar il-heading Experience in the Trade. Kif jista’ jkun qatt li bniedem ghadda s-snin jahdem f’ qasam u iehor li qatt ma hadem fih ghax kien jahdem fid-Dipartiment tal-Agrikoltura jinghataw l-istess allokazzjoni ta’ marki ta’ Experience in the Trade u dan specjalment meta x-xoghol tar-rikorrent kien imfahhar minn kulhadd. Kieku Gatt inghata marki ohra f’ settur iehor it-Tribunal ma tantx kien ikun jista’ jikkummenta izda dan huwa zball lampanti li t-Tribunal ma jistax hlief jikkummenta li saret ingustizzja u li certament ir-rikorrent kien haqqu hames marki ohra ma’ dawk allokati u li ghalhekk kien haqqu l-hatra ghall-kariga ta’ Works Technical Officer b’ effett minn Settembru 1990.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimati u kjamati in kawza, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Works Technical Officer fil-Ministeru tat-Turizmu b'effett mill-25 ta' Settembru, 1990 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjes kontra l-intimat Direttur tal-Izviluppi u Progetti fil-Ministeru ghal Ghawdex hlief tal-Prim Ministru, Ministru tat-Turizmu u s-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex li huma a karigu tar-rikorrent. Spejjez tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku a karigu taghha stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------